

**Il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-esposizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (verżjoni kodifikata) \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposta emendata għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-esposizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (verżjoni kodifikata) (COM(2009)0071 – C7-0206/2009 – 2006/0222(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċizzjoni: kodifikazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0071),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 137(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0206/2009),
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċelerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 86 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0033/2009),
- A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta konċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni

---

<sup>1</sup> ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.